**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-PRIM MINISTRU L-ONOR. ROBERT ABELA B'RABTA MAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL EWROPEW TA' NHAR IL-ĦAMIS 18 U L-ĠIMGĦA 19 TA' ĠUNJU 2026**

Sur President, nhar il-Ħamis 18 u l-Ġimgħa 19 ta' Ġunju, fuq stedina tal-President tal-Kunsill Ewropew Antonio Costa, ipparteċipajt f'summit tal-Kunsill Ewropew flimkien mas-26 Stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea fejn trattajna għadd ta' temi importanti. Kien Kunsill importanti ferm għal żewġ raġunijiet. L-ewwel nett għaliex trattajna l-qagħda ġeopolitika, illi t-tensjonijiet dwarha m'hemmx għalfejn nikkummenta dwarhom, u t-tieni raġuni daqstant ieħor importanti għalina l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea hija li ddiskutejna l-Multiannual Financial Framework (MFF).

Fl-ewwel appuntament li kellna, ċjoè dak tal-Ħamis, iltqajna mhux fil-Kunsill Ewropew formali imma fil-grupp ta' Stati Membri li nifformaw il-"Friends of Cohesion". Bħala pajjiż ilna nifformaw parti minn dan il-grupp għal numru ta' snin. Niftakar l-ewwel żjara tiegħi bħala Prim Ministru kienet proprju fil-Portugall, fuq stedina tal-Prim Ministru tal-Portugall li llum huwa l-President tal-Kunsill Ewropew, u kienet f'dan il-format tal-"Friends of Cohesion". Il-parteċipazzjoni tagħna f'dan il-grupp hija importanti ħafna għalina minħabba li kif kelli l-okkażjoni ngħid diversi drabi, għalina l-fondi ta' koeżjoni huma importanti ħafna.

Il-mod kif ġie appuntat dan il-grupp biex nerġgħu niltaqgħu f'dan il-format huwa importanti ferm proprju minħabba l-fatt li issa d-diskussjonijiet fuq l-MFF għas-snin 2028-2034 qabdu rata mgħaġġla ħafna. Se nkunu qed inkomplu nitħaddtu fil-Kunsill ta' Ottubru, imbagħad hemm Kunsill speċjali li se jiġi msejjaħ f'Novembru, imbagħad l-aspettattiva hija li jkollna dak il-Kunsill it-twil, u qed insejjaħlu hekk mill-esperjenza li kelli f'Ġunju tal-2020. Fl-aħħar wieħed kellna ħamest ijiem u erbat iljieli konsekuttivi ta' taħditiet u qed nittamaw li f'Diċembru ta' din is-sena jirnexxilna nagħlqu dan il-baġit.

Il-parteċipazzjoni tagħna fil-grupp tal-"Friends of Cohesion" hija importanti għaliex fih hemm konverġenza bejn l-Istati Membri fuq numru ta' temi. Kollha għandna l-perspettiva tagħna fuq numru ta' temi oħrajn, kollha nemmnu illi l-pajjiżi tagħna għandhom realtajiet differenti, iżda mbagħad tgħaqqadna t-tema ewlenija li lkoll nemmnu li l-fondi ta' koeżjoni huma importanti ħafna għal pajjiżna.

Il-qbil ewlieni li lħaqna f'dan il-grupp – u kien ukoll b'intervent li għamilt jien flimkien ma' numru ta' sħabi mexxejja – huwa dwar l-importanza li nibqgħu magħquda flimkien meta niġu għad-diskussjonijiet aktar strutturati dwar l-MFF. Importanti li nibqgħu magħquda meta nimbottaw 'il quddiem illi ma jistax ikun li l-fondi ta' koeżjoni jiġu preġudikati. Kienet għalhekk laqgħa importanti ferm, fejn minbarra li ddiskutejna dwar l-importanza li nibqgħu magħqudin flimkien, rajna li rridu nkunu iżjed kordinati bejnietna sabiex naraw li dan il-messaġġ ewlieni jibqa' jasal. Filwaqt li f'dan il-grupp nikkonverġu fuq dan il-punti kardinali, imbagħad kull Stat Membru – inkluż aħna – ser ikollu l-ġlidiet partikolari tiegħu, li jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor.

Id-diskussjoni fuq il-baġit kompliet fil-laqgħa proprja tal-Kunsill Ewropew, fejn iddiskutejna l-progress li ntlaħaq taħt il-Presidenza Ċiprijotta, li ftit tal-jiem qabel ippreżentat nego-box riveduta bin-numri li qed toffri bażi għal aktar negozjati. Qed nuża l-kelma "bażi" għax bin-numri kif inhuma, xorta għadna ma wasalniex. Tifhimha, għadna f'Ġunju, imma tal-inqas l-bażi qiegħda hemmhekk. Aħna għandna numru ta' riservi, u dawn kelli l-opportunità li nesprimi x'inhuma fil-Kunsill, però xorta ngħid li l-bażi qiegħda hemmhekk.

Veru li għandna quddiemna diversi sfidi ġodda, u dan kien kuntest li rrikonoxxejtu, però l-politika ta' koeżjoni trid tibqa' vejikolu tal-progress u tal-iżvilupp, inkluż fl-isforzi biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-blokk. F'intervent partikolari li għamilt f'isem pajjiżna tkellimt dwar is-sovranità fiskali u dan l-intervent kelli wkoll l-opportunità li nagħmlu anke f'telefonata li kelli ftit tal-jiem qabel il-Kunsill mal-President tal-Kunsill Ewropew, fejn aċċennajt ħafna għal dan il-punt u erġajt tennejt l-istess intervent fil-Kunsill Ewropew. Il-pożizzjoni tagħna kienet waħda ċara, li żgur ma nistgħux naċċettaw li jiddaħħlu xi tip ta' taxxi fuq livell ta' Unjoni Ewropea biex tiġi sostnuta n-nefqa. Għamilt ukoll referenza għal setturi partikolari fejn ċertament aħna ma nistgħux nilledu dak il-prinċipju.

Nemmen li l-baġit irid jirrifletti l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini u jibqa' jixpruna riformi kredibbli. Fil-fatt, tkellimt dwar li l-country-specific recommendations jibqgħu recommendations, u dak kien punt ieħor li għamilt b'rispett imma b'fermezza f'isem pajjiżna. Iridu jkunu wkoll riformi realistiċi, u li jsibu l-qofol tagħhom fl-interessi nazzjonali, u allura waqt id-diskussjoni ħareġ il-punt importanti li r-riformi jridu jkunu pjanati u mhux imposti bla diskussjoni. U hawn nerġa' ngħaqqad ma' dak li għadni kif għedt dwar il-country-specific recommendations li minn isimhom stess, huma biss recommendations.

Mill-esperjenza naf li dawn mhumiex diskussjonijiet faċli, għaliex naturalment kulħadd se jipprova jġib l-aqwa għal pajjiżu. Għandek il-"Friends of Cohesion" fuq naħa u fuq in-naħa l-oħra għandek il-frugal. Hija dinamika kumplessa, li sa Novembru tiġi aktar komplikata, sa Diċembru terġa' tikkomplika ruħha aktar, fl-ewwel jiem tad-diskussjonijiet ta' Diċembru se jkun jidher li huwa impossibbli li naslu għal ftehim, imbagħad fl-aħħar sigħat wieħed jibda joqrob lejn il-konverġenza. Naturalment dan jekk il-pattern isegwi dak li ġara fl-2020. Id-diffikultà ta' min ikun qed imexxi d-diskussjonijiet imbagħad tkun illi jipprova jġib il-konverġenza bejn l-interessi ta' kulħadd u l-interessi ta' kulħadd ikunu konfliġġenti għal xulxin. Madanakollu nemmen li bażi għal konverġenza hemm.

Kif għedt drabi oħra, din id-darba pajjiżna qed jibda dawn in-negozjati f'qagħda ferm aktar żvantaġġata minn fl-2020, frott is-suċċess ekonomiku tagħna għaliex il-progress li għamilna f'dawn l-aħħar snin u l-performance qawwija li qed ikollha l-ekonomija tagħna – li hija l-aqwa waħda fl-Unjoni Ewropea – huma fatturi illi lokalment nieħdu pjaċir ħafna bihom imma meta niġu għad-diskussjoni dwar dan il-baġit, jimmilitaw kontrina. Madanakollu bl-esperjenza u l-kompetenza li għandna, bl-għarfien tas-suġġetti varji, u bis-saħħa tan-nies tekniċi ħafna li għandna – għax għandek il-livell politiku li nieħu ħsiebu jien, imma mbagħad għandek ħafna nies tekniċi li jifformaw parti mit-tim ta' madwari illi jkunu għaddejjin bit-taħditiet dwar in-numri u għaldaqstant insellmilhom tal-ħidma kbira li qegħdin jagħmlu – inħares 'il quddiem biex fix-xhur li ġejjin, hekk kif mistennija jkomplu jintensifikaw in-negozjati, pajjiżna jkompli jkun imħejji fuq kull livell biex niksbu riżultat ieħor eċċellenti għal pajjiżna.

Nieħu l-okkażjoni biex infakkar illi fl-2020 konna nnegozjajna baġit illi kien iżjed mid-doppju ta' dak illi konna nnegozjajna bħala pajjiż fl-2012. Qed ngħid dan mhux biss għan-numri nfushom imma għaliex dak il-baġit ifisser tant proġetti ta' fejda għal pajjiżna fis-settur tas-saħħa, fil-qasam soċjali, proġetti sportivi u numru ta' proġetti oħrajn illi jkomplu jikkontribwixxu biex intejbu l-kwalità tal-ħajja tal-poplu tagħna.

Tema oħra importanti li trattajna matul dan il-Kunsill kienet dik tal-kompetittività globali tal-Unjoni Ewropea. Fis-sigħat ta' filgħodu kellna wkoll diskussjoni estensiva u tajba ħafna fuq iċ-Ċina. Kellna wkoll l-opportunità niddiskutu l-impatt tal-iżbilanċi makroekonomiċi globali bil-għan li jkunu mifhuma l-isfidi komuni li qed niffaċċjaw u nagħtu gwida lill-Kummissjoni Ewropea. It-tisħiħ tas-sigurtà ekonomika tagħna huwa importanti, iżda dan irid jimxi id f'id mal-bżonn li nibqgħu miftuħa għall-kummerċ, u mhux ningħalqu ġo fina. Għalhekk, din kienet diskussjoni fejn rajna perspettivi differenti ħafna, imma kienet diskussjoni pjuttost tajba wkoll.

Għaldaqstant, filwaqt li wieħed irid jirrikonoxxi li hemm dan it-tħassib reali li qed jipperikola l-kompetittività tal-Unjoni Ewropea u rridu naħdmu sabiex insaħħu s-sigurtà ekonomika tagħna, il-prudenza titlob li r-rispons għandu jkun meqjus, ikkalibrat u msejjes fuq ir-regoli internazzjonali, allinjat mal-prinċipji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). Hemm livell ta' reżiljenza li lkoll bħala blokk irridu naħdmu għalih, iżda biex naslu rridu niddiversifikaw u nsaħħu r-rabtiet kummerċjali tagħna u ma nagħmlu xejn li jiżolana.

Min-naħa l-oħra, tkellimna wkoll fuq il-funzjonament tas-Suq Waħdieni, fejn għaddejja ħidma biex inwettqu r-Roadmap 'One Europe, One Market' u neliminaw diversi elementi li ġew identifikati li qed ifixklu l-integrazzjoni sħiħa tas-Suq. F'dan il-kuntest tibqa' prominenti d-diskussjoni dwar il-prezzijiet għolja tal-enerġija u hawn fejn tara t-tħassib serju madwar il-mejda fost is-26 Stat membru l-ieħor, li lkoll kellhom preokkupazzjonijiet kbar fuq is-suq tal-enerġija. Dan jikkuntrasta bil-kbir mal-istabbiltà totali illi l-Gvern immexxi minni offra lil pajjiżna matul dawn l-aħħar snin u hekk ser jibqa' joffri fl-

enerġija kollha ġewwa pajjiżna, jiġifieri fil-gass naturali, fil-petrol u fid-diesel. U meta qed nitkellem fuq il-gass qed nirreferi kemm għal dak li jintuża għall-power station kif ukoll il-gass illi jintuża fid-djar. Dik il-garanzija li tajna fil-passat u li qed nagħtu fil-preżent, se nibqgħu nagħtuha wkoll fil-futur.

Issa wkoll, grazzi għal ftehim ieħor li kif ħabbart ilbieraħ ikkonkludejna mal-kumpanija internazzjonali BP, ser nibqgħu nassiguraw provvista tal-LNG għall-power station tagħna bi prezz kompetittiv sal-aħħar ta' Mejju tas-sena d-dieħla. Hawn tara l-għaqal tat-tmexxija politika ta' dan il-Gvern. Waqt dawn l-aħħar ġimgħat kellna kampanja sottili u mhux sottili ta' biża' illi se jasal l-24 ta' Awwissu u l-power station se tispiċċa mingħajr gass biex titħaddem iżda għal darb'oħra, qed nerġgħu nagħtu ż-żewġ garanziji ewlenin: il-provvista u l-prezz. U t-tieni kampanja ta' biża', li mxiet b'mod paralleli, ċjoè illi jerġa' jiġi kkonfermat il-Gvern u l-għada jogħlew il-prezzijiet, kienet purament kampanja ta' biża'. Għaldaqstant hawnhekk nerġa' nagħti garanzija ta' stabbiltà sħiħa mhux biss fil-prezzijiet tad-dawl imma wkoll fil-prezzijiet tad-diesel, tal-petrol u tal-gass li jintuża ġewwa d-djar tagħna.

Hawnhekk insellem lill-Ministru Miriam Dalli, il-Korporazzjoni Enemalta u t-tekniċi tagħha, kif ukoll lill-persuni kollha illi ħadmu biex assiguraw dan il-ftehim f'kuntest mill-aktar ikkomplikat għaliex x'qed jiġri fl-Istrett ta' Hormuz kollha nafu, kif qed jevolvu d-diskussjonijiet nafu wkoll, u jekk hux 'il quddiem jew lura kulħadd qed jiġġudika minn dak li qed jiġi rrapportat bħalissa fuq il-media internazzjonali. Għalhekk, dan il-ftehim sar f'kuntest verament diffiċli ta' ħafna inċertezza u volatilità. Imma ladarba għamilna wegħda ċara lill-poplu tagħna, aħna b'ħafna determinazzjoni u b'ħafna responsabbiltà, u għax emminna li jrid ikollha politika ekonomika b'saħħitha li tagħti garanzija ta' stabbiltà, irnexxielna naslu għal dan il-ftehim li minnu ser igawdu l-familji u n-negozji kollha tagħna.

Sur President, din naturalment hija diskussjoni li mistennija tibqa' tkun rikorrenti quddiemna l-mexxejja, sabiex nibqgħu nieħdu kont tal-iżviluppi kollha, inkluż l-impatti negattivi ferm li qed tħalli l-gwerra fil-Lvant Nofsani, l-aggressjoni Russa fl-Ukrajna, kif ukoll ir-relazzjonijiet mal-Istati Uniti, iċ-Ċina u msieħba strateġiċi oħra.

Diskussjoni li ħadet ferm aktar fit-tul milli kien previst, imma li wkoll kienet diskussjoni tajba ħafna iżda kumplessa u li għaliha attenda fiżikament il-President Ukren Volodymyr Zelenskyy, kienet fuq dak li qed jiġri bejn l-Ukrajna u r-Russja. Hija gwerra li issa ilha għaddejja mill-2022 u l-President Zelenskyy tana spjegazzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni mhux biss kif kienet f'dawn l-aħħar ġimgħat imma wkoll kif qiegħed jantiċipa li se tevolvi fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin. Infakkar li bħala Unjoni Ewropea qegħdin ngħaddu għexieren ta' biljuni f'fondi lill-Ukrajna sabiex tkun tista' tilqa' għall-aggressjoni inġusta.

Kienet ukoll okkażjoni fejn flimkien miegħu ġie rikonoxxut il-progress li nkiseb fejn f'mument storiku, ftit tal-jiem qabel, proprju nhar it-Tlieta 16 ta' Ġunju, saret l-ewwel Konferenza Intergovernattiva u formalment bdew in-negozjati dwar l-ewwel sett ta' kapitoli għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea tal-Ukrajna, u kif ukoll tal-Moldova.

Trattajna wkoll il-qagħda fil-Lvant Nofsani fl-isfond tal-iżviluppi li seħħew matul il-ġimgħa li għaddiet u l-prospetti għal ftehim ta' paċi dejjiema bejn l-Istati Uniti u l-Iran. Ġew diskussi wkoll l-implikazzjonijiet wiesgħa fuq ir-reġjun, inkluż fil-Libanu fejn l-iżviluppi juru kemm l-istampa l-wiesgħa tibqa' fraġli, bir-riskju ta' eskalazzjoni ulterjuri jibqa' reali ħafna. Tkellimna wkoll dwar is-sitwazzjoni umanitarja devastanti li sfortunatament tibqa' persistenti f'Gaża u kif ser inkunu qed nittrattaw din is-sitwazzjoni li dejjem qed issir iktar devastanti fix-Xatt tal-Punent. Nemmen li l-Unjoni Ewropea għandha responsabbiltà u fl-istess ħin opportunità li taqdi rwol globali importanti biex tinġieb stabbiltà u l-paċi tant bżonjuża.

Nerġa' mmur lura għad-diskussjoni fuq l-Ukrajna u r-Russja. Kellna wkoll diskussjoni tajba dwar xi rwol mistennija taqdi l-Unjoni Ewropea f'din il-gwerra, partikolarment il-mexxejja tagħha, u jekk hemmx lok ta' medjatur jew le. Dawn kienu wkoll punti li ġew imxandra fl-istampa internazzjonali.

Kellna aġenda sostanzjali u konklużjonijiet li kienu voluminużi u fost temi oħra li ddiskutejna kien hemm dawk marbuta mat-tema tas-sustanzi illeċiti, li hija tema li qed twassal għal tħassib komuni madwar l-Unjoni Ewropea minħabba li qed tiġi nnotata l-preżenza dejjem tiżdied ta' dawn is-sustanzi illegali li qed jagħmlu ħafna ħsara fis-soċjetajiet tagħna. Tkellimna fuq il-ħtieġa li nassiguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi, inkluż permezz ta' aktar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-forzi tal-ordni biex tiġi megħluba l-kriminalità organizzata li kulma jmur qiegħda dejjem tevolvi. Aħna nibqgħu konvinti li l-aqwa approċċ huwa li nkunu bilanċjati u nikkombinaw miżuri li jsaħħu s-sigurtà, is-saħħa pubblika, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-ħsara.

Fl-aħħar nett iddiskutejna t-tema tal-migrazzjoni. Iffokajna fuq l-immigrazzjoni irregolari u qabel il-Kunsill Ewropew iltqajna fil-format tas-soltu u li ilna niltaqgħu fih għal dawn l-aħħar xhur. Konna 16-il pajjiż Stat Membru flimkien mal-President tal-Kummissjoni Ewropea. Bħala pajjiż aħna pparteċipajna sa mill-ewwel darba li qatt ġie mlaqqa' dan il-grupp u nirrapporta progress sostanzjali minn meta ltqajna l-ewwel darba. Iddiskutejna u ttieħdet ħarsa lejn il-politika li użajna u li kienet ta' suċċess fil-qasam ta' kontroll tal-immigrazzjoni irregolari, kemm mill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll minn min qed imexxi dawn it-taħditiet. Fil-fatt, parti mill-progress li sar kienet grazzi għar-replika u dak li għamilna f'pajjiżna. Hawnhekk nieħu l-opportunità biex insellem lill-Ministru Byron Camilleri tal-ħidma ffokata li għamel f'dan is-settur. Illum wasalna għal riżultati li meta bdejna f'dan il-format, lanqas qatt konna noħolmu li se jirnexxilna naslu għalihom. Għalhekk, dan sar appuntament regolari ta' qabel kull summit Ewropew.

Konna strumentali biex xprunajna diskussjonijiet importanti ħafna matul dawn l-aħħar sena u nofs f'kuntest fejn għandek pressjonijiet migratorji li huma kbar ħafna, inkluż minħabba dak li qed jiġri fil-Lvant Nofsani. Issa qed nibdew naqtgħu l-frott tal-ħidma u l-kisbiet li għamilna kemm fuq livell ta' Unjoni Ewropea, dak l-aktar riċenti jkun l-adozzjoni tar-reviżjoni tar-Regolament tar-Ritorn, u kif ukoll fuq livell aktar wiesgħa fil-Kunsill tal-Ewropa bid-dikjarazzjoni ta' Chișinău. Flimkien mal-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen kellna ċ-ċans li niddiskutu kif dan il-progress issa jrid ikun sostnut b'implimentazzjoni kkordinata u rapida, li tkun appoġġjata wkoll minn fondi adegwati. Komplejna nitkellmu wkoll dwar il-kooperazzjoni f'diversi fora multilaterali, u kif permezz tat-tisħiħ tar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi tal-oriġini u tat-tranżitu nistgħu nassiguraw li jkollna politika tal-migrazzjoni li tkun aktar ġusta u li tipproteġi lil dawk li verament ikun jistħoqqilhom il-protezzjoni, u mhux lil dawk li jabbużaw.

Fuq din it-tema nagħlaq bl-aħħar punt li tant huwa importanti għalina. Ġurnata tista' litteralment tibdillek is-sitwazzjoni kollha. Illum għandna riżultati ta' suċċess għaliex naqqasna drastikament il-wasliet ġewwa pajjiżna. Ma jfissirx illi l-pressjonijiet naqsu. Din hija taqbida li jkollna ta' kuljum u f'dan il-format kelli l-opportunità li, għal darb'oħra, nerġa' nispjega l-mod ta' kif aħna qed nittrattaw din is-sitwazzjoni. Nirrispettaw il-lat umanitarju, u dik tibqa' prijorità għalina, però niffokaw ħafna fuq il-prevenzjoni tat-tluq, jiġifieri ma niffokawx biss fuq il-prevenzjoni tal-wasliet imma niffokaw fuq il-prevenzjoni tat-tluq mill-pajjiżi tat-tranżitu jew tal-oriġini. Spjegajt kif il-ħidma tagħna evolviet u tkellimt ukoll dwar l-importanza tal-politika tar-ritorn. Kull fejn għandek a safe country of return, min jidħol ġewwa pajjiżna irregolarment, immedjatament jiġi ritornat lura lejn pajjiżu. Dan huwa kunċett li issa, b'mod aktar strutturat, l-Unjoni Ewropea waslet għalih. Jiġifieri l-kunċett li wasalna għalih huwa dak li bħala pajjiż ilna nagħmlu ma' numru ta' pajjiżi oħrajn. Għalhekk, inħares 'il quddiem li dan jibqa' suġġett li nibqgħu nagħtu kontribut kbir fih, kif nagħmlu fuq numru ta' temi oħrajn fil-qasam tal-Unjoni Ewropea.